**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tilqa' t-talba tar-rikorrenti għar-reġistrazzjoni tat-trade mark kontenzjuża.

**Motiv invokat**

— It-trade mark kontenzjuża ma hijiex deskrittiva u għandha karattru distintiv.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2016 – Souruh vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-440/16)**

(2016/C 364/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Souruh SA (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant::E. Ruchat, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara r-rikors bħala amissibbli u fondat;

— konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni(PESK) 2016/659 tas-27 ta' Mejju 2016 u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-Kawża T-411/16, Syriatel Mobile Telecom vs Il-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2016 – Tetra Pharm (1997) vs EUIPO – Sebapharma (SeboCalm)**

**(Kawża T-441/16)**

(2016/C 364/24)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Tetra Pharm (1997) Ltd (Tel Aviv, l-Iżrael) (rappreżentant: A. Gorzkiewicz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sebapharma GmbH & Co. KG (Boppard, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti